MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 1054/2014

**Phoenicia Hotel Company Limited (OC1)**

***kontra***

**Korporazzjoni ta` Xoghol u Tahrig**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-21 ta` Novembru 2014 li jaqra hekk–

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti hija kreditur tal-Korporazzjoni intimata fis-somma ta` erbatax-il elf, mitejn wiehed u sebghin Ewro u sebghin centezmu (€14,271.70), kif jirrizulta mill-prospett datat l-20 ta` Novembru 2014 u mill-fatturi relattivi datati l-4 ta` Marzu 2014 u l-24 ta` Marzu 2014, li qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati rispettivament bhala Doks. A, B u C;*

*2. Illi l-kreditu tas-socjeta` rikorrenti jirrigwarda prezz ta` servizzi rezi mis-socjeta` rikorrenti lill-Korporazzjoni intimata bejn il-25 ta` Frar sat-28 ta` Frar 2014, u fis-17 ta` Marzu sal-24 ta` Marzu 2014, liema servizzi kienu relatati ma` zewg fieri li gew organizzati mill-Korporazzjoni intimata;*

*3. Illi l-kreditu tas-socjeta` rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u minkejja diversi nterpellazzjonijiet da parti tal-istess socjeta` rikorrenti ghall-hlas, il-Korporazzjoni intimata baqghet inadempjenti;*

*4. Illi dan il-bilanc qatt ma gie kkontestat min-naha tal-Korporazzjoni intimata, u madankollu ma kien hemm ebda kontestazzjoni li s-servizzi nghataw mis-socjeta` rikorrenti lill-Korporazzjoni intimata;*

*5. Illi s-socjeta` rikorrenti taf b`dawn il-fatti personalment;*

*6. Illi sa fejn taf is-socjeta` rikorrenti, il-Korporazzjoni intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet tal-istess socjeta` rikorrenti;*

*7. Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*Tghid ghalhekk il-Korporazzjoni intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi, u dispensat is-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta), ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` rikorrenti hija kreditur tal-Korporazzjoni intimata fis-somma ta` erbatax-il elf mitejn u wiehed u sebghin Ewro u sebghin centezmu (€14,271.70), rapprezentanti prezz ta` servizzi rezi mis-socjeta` rikorrenti lill-Korporazzjoni intimata;*

*2. Tordna lill-Korporazzjoni intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma hawn fuq indikata ta` erbatax-il elf mitejn u wiehed u sebghin Ewro u sebghin centezmu (€14,271.70).*

*Bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni intimata, kif ukoll bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv.*

*Il-Korporazzjoni intimata hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u d-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-korporazzjoni konvenuta skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Semghet ix-xhieda ta` Jean Pierre Ellul Castaldi, rapprezentant tal-kumpannija attrici, moghtija llum.

Rat illi wara d-deposizzjoni tax-xhud, i l-korporazzjoni konvenuta prezentat nota llum stess fejn ammettiet it-talba attrici kif dedotta.

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-korporazzjoni konvenuta, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:**

**1. Tilqa` l-ewwel talba u tiddikjara illi l-kumpannija attrici hija kreditur tal-Korporazzjoni konvenuta fis-somma ta` erbatax-il elf**

**mitejn u wiehed u sebghin Euro u sebghin centezmu (€14,271.70), rapprezentanti prezz ta` servizzi rezi mill-kumpannija attrici lill-Korporazzjoni konvenuta;**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma hawn fuq indikata ta` erbatax-il elf, mitejn u wiehed u sebghin Ewro u sebghin centezmu (€14,271.70), bl-imghax kif mitlub.**

**3. Tikkundanna wkoll lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------